MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 681/2013

**P. Cutajar & Co Ltd [C 293]**

**Vs**

**Riviera Resort Limited [C-23519]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-14 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elf, erba' mija erbgha u erbghin euro u wiehed u tletin centezmi ta' euro [€1,444.31] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Hlas fl-ammont komplessiv ta' €1,444.31 (elf erba' mija u erbgha u erbghin euro u wiehed u tletin cent), rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merci lilkjom mibjugha u kkonsenjati lilkom; rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta konvenuta, u dana hekk kif jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza odjerna.

Bl-ispejjez komprizi dawk komprizi dawk tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi spedita fit-8 ta' Awwissu 2013 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li s-socjeta konvenuta opponiet ghaliha u bl-imghaxijiet applikabbli skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv u bl-applikazzjoni tad-disposti tal-artikolu 26A et seq tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fl-4 ta' Novembru, 2013, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-14 ta' Jannar, 2014 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-14 ta' Jannar, 2014 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf, erba' mija erbgha u erbghin euro u wiehed u tletin centezmi ta' euro [€1,444.31], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------